MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Numru. 402/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Rachel Grech**

**(ID 311281(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Rachel Grech, ta' 27 sena, bint John u Maria Assunta nee` Borg, imwielda l-Pieta` fit-18 ta' Gunju 1981, residenti 5, Campis Road, Zebbug (Malta), detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 311281(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-8 ta' Settembru 2008 u fit-tliet snin ta' qabel din id-data:

a) Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni l-istess droga u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

b) Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

c) Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu

31 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex dan il-kaz jinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-25 ta’ Jannar 2010, quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, l-imputata rregistat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet (b) u (c), kif ukoll ghall-imputazzjoni (a), izda biss in kwantu din tirrigwarda l-pussess semplici tad-droga kokaina u mhux il-pussess aggravat tal-istess;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta’ April 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga’ tisma’ l-provi kollha mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-8 ta’ Settembru 2008, waqt *party* gewwa d-diskoteka Numero Uno, Ta’ Qali, WPS 86 Diane Fenech u WPC 297 Reanne Spiteri, waqqfu lill-imputata u lil certa Chantelle Marie Cassar, waqt li dawn kienu hergin mit-*toilets* tal-istess stabbiliment ossia mit-*toilet cubicle* fejn kienu dahlu flimkien, wara li l-istess ufficjali nnutaw li l-imsemmija tfajliet kienu damu hemmhekk u ghamlulhom

tfittxija. Fil-*handbag* tal-imputata nstabu hames pakketti b'sustanza bajda suspettata droga, fil-waqt illi fil-pussess ta' Cassar instabu erba' pilloli *ecstasy.*[1]

Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2010, id-difiza ddikjarat illi ma kinitx qeghda tikkontesta illi s-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputata kienet kokaina, fil-waqt illi fl-istess seduta gie mahtur **ix-Xjenzat Godwin Sammut** sabiex jistabilixxi l-piz tad-droga. Skond ir-relazzjoni tal-istess espert[2], il-piz tat-trab fil-hames boroz jew bicciet tal-*plastic* trasparenti kien ta' 0.44 grammi, 0.61 grammi, 0.59 grammi, 0.60 grammi u 0.69 grammi rispettivament. Il-piz totali tal-istess trab kien ta' 2.93 grammi. Skond it-tieni relazzjoni tal-istess espert, imbaghad, il-purita` tat-trab ghas-sustanza kokaina kien ta' 29%.[3] Fix-xhieda tieghu, l-espert qal illi din hija *average street purity*.[4]

Fix-xhieda tieghu tal-4 ta' Mejju 2011[5], mistoqsi jekk piz ta' nofs 2.93 grammi huwiex ammont sostanzjali jew inkella ammont normali ghal persuna li tkun tabbuza mid-droga regolarment, ix-Xjenzat Godwin Sammut wiegeb illi dan jiddependi dejjem mill-persuna u li fil-waqt ghal persuna partikolari dan l-ammont jista' jkun bizzejjed, ghal haddiehor l-istess ammont jista' ma jkunx bizzejjed. Fix-xhieda tieghu moghtija fl-14 ta' Novembru 2011,[6] l-istess espert qal illi doza wahda kokaina tista' tkun bejn 25mg u 200mg, skond il-persuna li qed tabbuza mill-kokaina u normalment, linja kokaina jkun fiha cirka 100mg. F'gurnata, persuna tista' tiehu sa gramma jew gramma u nofs kokaina u li tenut kont li f'dan il-kaz, qartas wiehed kien fih 0.59 grammi, dan huwa bizzejjed ghall-uzu ta' persuna wahda. Qal illi huwa hareg din l-informazzjoni mill-*European Monitoring for Drugs and Drug Addictions* (EMCDDA). L-istess espert qal illi meta persuna tisniffja d-droga kokaina, l-effett huwa immedjat u cioe` jinhass bejn minuta u hames minuti wara. L-effett massimu jintlahaq wara madwar ghoxrin jew tletin minuta u l-effett idum bejn siegha u saghtejn.

[1] Ara x-xhieda ta' WPS 86 Diane Fenech (a fol. 20 *et seq* tal-process); ix-xhieda ta' WPC 297 Reanne Spiteri (a fol. 24 *et seq* tal-process); ix-xhieda ta' PC 1348 Joseph Campbell (a fol. 28 *et seq* tal-process); ix-xhieda ta' Chantelle Cassar (a fol. 31 *et seq* tal-process) u x-xhieda tal-imputata (a fol. 98 *et seq* tal-process).
[2] A fol. 44 tal-process, esebita bhala Dok. GS1.
[3] A fol. 73 tal-process, esebita bhala Dok. GS2.
[4] Ara x-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut, a fol. 69 tal-process.
[5] A fol. 41 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 51 *et seq* tal-process.

Ghalhekk skond l-istess espert, minn doza ta’ 0.44 grammi (qartas minnhom fil-kaz odjern kellu dan il-piz) johorgu minn tliet sa sitt dozi u cioe` bizzejjed ghal jum jew lejl, ghalkemm dejjem jiddependi mill-persuna. Skond l-istess espert dawn huma dozi normali assocjati ma’ *recreational use* tad-droga kokaina. Huwa spjega wkoll li skond l-EMCDDA, doza letali hija ta’ 1.2 grammi u li huwa difficli li persuna taqbez din id-doza letali. Biss skond l-istess rapport, doza wahda jew cirka 30mg kokaina ukoll tista’ tkun letali u fl-istess waqt, hemm persuni – *hard users* – li kapaci jiehdu sa hames grammi. In kontro-ezami, l-espert qal illi bhala uzu ghal *recreational purpose*, l-ammont ta’ 2.93 grammi huwa wiehed sostanzjali. Qal ukoll illi dawn id-dozi jirreferu ghal kokaina b’*street purity* u cioe` b’purita` ta’ bejn 30% u 35%, kif normalment tinstab fit-triq. Ix-Xjenzat Sammut spjega illi ma jeskludix li persuna tista’ tikkonsma 2.93 grammi wahedha, stante li jiddependi mill-persuna li tikkonsma d-droga, ghalkemm tali persuna trid tkun *heavy user.* Rigward l-ammont ta’ nofs il-piz ta’ 2.93 grammi ossia 1.46 grammi, ix-Xjenzat wiegeb bl-istess mod ossia li dejjem jiddependi fuq il-persuna u li jekk persuna tabbuza b’mod regolari, jista’ jkun li jkollha bzonn izjed kokaina biex thoss l-effett taghha, izda persuna li tiehu l-kokaina for *recreational use* – jigifieri li tiehu d-droga f’*weekend* jew waqt *party* - thoss l-effett mill-ewwel, li jfisser li persuna li ma tantx tiehu kokaina, ser tiehu doza ta’ 100mg u thoss l-effett, mentri persuna li mdorrija tiehu l-kokaina u li ser tiehu l-istess doza, mhux ser thoss l-effett taghha u allura jkollha bzonn tiehu izjed kokaina. Jekk persuna tiehu l-kokaina b’mod regolari – *heavy user* – jista’ jkun li ammont ta’ 1.46 gramma tkun bizzejjed ghal lejl wiehed, ghalkemm hemm hafna *variables* bhal per ezempju, kemm tiehu droga, l-istatura tal-persuna u jekk il-persuna kinitx qed tikkonsma l-alkohol. L-espert qal illi la darba skond l-EMCDDA ir-*range* ta’ uzu tista’ tkun bejn 10mg u 5 grammi, ma jistax jeskludi li persuna tikkonsma 2.93 grammi kokaina.

L-espert rega’ xehed fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2012[7] u qal illi minn ricerka li ghamel dwar dozi ta’ kokaina[8], huwa sab illi fuq studji li saru, bhala medja, f’gurnata tipika permezz ta’ *intranasal snorting*, wiehed jiehu bejn 0.75 grammi

[7] A fol. 69 *et seq* tal-process.
[8] Ir-ricerka tinsab esebita a fol. 81 *et seq* tal-process.

u gramma u dan f'hames darbiet f'jum. Normalment il-kokaina tinqasam f'zewg linji kull darba, b'linja ghal kull *nostril* u linja jista' jkollha bejn 10 u 50 mg kokaina u ghalhekk zewg linji ghal *snorting* ikollhom bejn 20 u 100 mg. Jekk wiehed jiehu qartas f'dan il-kaz, b'piz medju ta' 0.59 grammi (590mg) u b'purita` ta' 29% u jikkalkula li *party* idum hames sighat (il-kalkolu tax-Xjenzat hawnhekk huwa bbazat fuq il-fatt illi fuq il-*label* li kienet takkumpanja d-droga, kien hemm indikat illi s-sejba saret fis-1.00 a.m.) u li f'hames sighat wiehed jista' jiehu tliet dozi ta' zewg linji kull doza (ghalhekk sitt linji b'kollox), dan jaghtik total ta' 98 mg kull linja jew total ta' 196 mg ghal kull doza (590mg diviz b'sitta) u jkun hemm bizzejjed droga ghal sitt linji. Ghalhekk qartas wiehed jintuza tliet darbiet u huwa bizzejjed ghal lejl. Skond l-istudji li saru in oltre, l-effett tal-alkolhol jamplifika l-effett tal-kokaina.

L-imputata rrilaxxjat stqarrija fit-8 ta' Settembru 2008, fis-13.00 hrs u dan wara li nghatat is-solita twissija li ma kinitx obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li taghmel dan, imma li dak li tghid tista' tingieb bhala prova.[9] Hija ghazlet li tiffirma din l-istqarrija.

Fl-istqarrija taghha, **l-imputata** kkonfermat illi fil-lejl in kwistjoni, waqt illi kienet gewwa n-Numero Uno ghall-*party*, giet imwaqqfa mill-pulizija u nstabulha hamest iqratas bi trab abjad, ossia kokaina. Hija qalet illi kienet ilha tiehu kokaina ghal madwar sentejn, imma ma tiehux b'mod regolari u li l-ahhar darba li kienet ikkunsmat il-kokaina kien f'dak il-lejl stess, qabel ma twaqqfet mill-pulizija. Qalet li kienet ghadha kif hadet linja kokaina. Mistoqsija kemm kienet tikkonsma kokaina f'lejl bhal dak in kwistjoni gewwa n-Numero Uno, hija wiegbet "*forsi nofs gramma*"[10] u li thallas €70 il-gramma. Meta mistoqsija ghalfejn kellha dak l-ammont ta' qratas fuqha, la darba hija normalment tikkonsma mhux aktar minn nofs gramma, l-imputata wiegbet illi ma kinitx taf ghalfejn u li hekk dehrilha. Meta gie ssuggerit lilha illi hija kellha dawn il-pakketti kollha fil-pussess taghha ghaliex kien behsiebha tbieghha lil terzi waqt il-*party*, hija wiegbet illi ma kellhiex din l-intenzjoni u li hija qatt ma bieghet

[9] A fol. 4 tal-process.
[10] A fol. 4 tal-process.

droga. L-imputata nnegat illi qatt bieghet droga waqt *parties* u nnegat ukoll illi kienet tbiegh id-droga biex tmantni l-vizzju taghha.

**L-imputata** ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri.[11] Hija qalet illi f'Settembru tas-sena 2008, kien hemm *party* gewwa Numero Uno, fejn marru hi u l-habiba taghha Chantelle Cassar. Qalet illi x'hin waslu, mill-ewwel dahlu fit-*toilet cubicle* biex jigbdu l-kokaina li kienu hadu maghhom hi u l-habiba taghha u li dan ghamluh flimkien. Kif hargu mit-*toilet*, sabu lill-pulizija wara l-bieb tat-*toilet*, lilha sabulha l-kokaina li kienet taghha u ta' habibitha u li kienet zammitha hi u lil Cassar sabulha l-pilloli. Qalet illi kienet hadet id-droga maghha l-*party* u li ghalkemm din kienet fuqha, id-droga kienet taghha u ta' Chantelle. B'referenza ghall-hamest iqratas li nstabu fil-pussess taghha, hija qalet illi marru jixtruha flimkien u hargu l-flus bejniethom ghaliha, izda zammitha hi ghaliex Cassar kellha l-pilloli *ecstasy* li kienu taghha. Qalet illi sehmha mid-droga misjuba fuqha kienet ta' zewg pakketti u nofs. Qalet illi hija kienet harget xi €170 u Cassar harget l-istess ammont ghaliex kienu xtawha flimkien. Qalet illi ma kinitx tiftakar ezatt meta kienu xtraw id-droga, imma kienu xtrawha xi gurnata qabel u li b'kollox kienu xtraw hames pakketti ossia dawk li nstabu fuqha fil-jum in kwistjoni. Qalet illi hija ma kellhiex x'taqsam mal-*ecstasy* li nstabu fuq Cassar u ma harget l-ebda flus ghalihom. L-imputata qalet illi huma kienu dejjem jidhlu flimkien [fit-*toilet*] biex jiehdu l-kokaina u kienu jahluhom la darba kienu tnejn. Ma kienx il-kaz li hija zammet zewg pakketti u Cassar zewg pakketti ohra u lanqas ma kienu ser jaqsmu l-pakketti bejniethom it-tnejn. Kienu jidhlu flimkien fit-*toilet* u jikkunsmaw mid-droga li kellhom flimkien. Mistoqsija ghaliex fl-istqarrija taghha, hija qalet illi f'lejl bhal dak in kwistjoni, hija kienet tikkonsma "*forsi nofs gramma*", hija wiegbet illi apparti li kienet imbezza', hija kienet stqarret li d-droga kienet taghha, ghaliex ma riditx tikxef lil Cassar. Qalet illi f'lejl, gieli hadet pakkett u gieli hadet tnejn, izda fl-istqarrija taghha, hija qalet li kienet tiehu nofs gramma ghaliex bdiet tibza' li tigiha aghar jekk tghid li kienet tiehu izjed. Qalet ukoll illi fl-istqarrija, hija ma qalitx illi d-droga kienet ta' Cassar ukoll, biex ma tikxifhiex u ma ggibhiex fl-inkwiet. Qalet illi meta kienet tohrog is-Sibt, kienet tiehu pakkett jew tnejn kokaina, bhal dawk li sabulha u meta kienet tmur *party*, kienet tixtri

[11] A fol. 98 *et seq* tal-process.

ftit iktar. F'dan il-kaz, kellhom zewg pakketti u nofs kull wiehed u kienu jikkunsmawha kollha. L-imputata qalet illi hija kienet tikkonsma l-kokaina kull meta kienet tohrog, ghalkemm fiz-zmien tax-xhieda ma baqghetx taghmel dan. Qalet illi l-verzjoni korretta ta' dak li kien sehh kienet dik li tat Chantelle Cassar fl-istqarrija taghha ossia illi huma kienu dahlu fit-*toilet* flimkien sabiex jiehdu l-kokaina li kienu hadu maghhom u li hi kienet hadet linja kokaina wkoll sakemm waqqfuhom il-pulizija.

In kontro-ezami, l-imputata qalet illi hija kienet iddecidiet li zzomm id-droga hi ghaliex Chantelle u hi xorta kienu ser ikunu flimkien u li hi zammithom ghandha madwar 24 siegha mill-inqas ossia mill-jum ta' qabel. L-imputata qalet illi f'*parties* ohrajn gieli abbuzaw mill-kokaina flimkien u li gielu kienu jixtru hames pakketti bejniethom, ghalkemm kemm kienu jixtru kien jiddependi wkoll mill-flus li kien ikollhom, izda qatt ma xtraw izjed minn hamsa. Qalet illi kienet ilha tabbuza mill-kokaina madwar sentejn qabel iz-zmien in kwistjoni, li l-izjed li kienet tabbuza, bhala ammont, kien daqs l-ammont li nstab fil-pussess taghha u l-inqas, xi pakkett. Dakinhar, Chantelle u hi kellhom l-intenzjoni li jikkunsmaw il-pakketti kollha bejniethom, izda nqabdu mill-ewwel x'hin dahlu l-*party* u kienu lahqu ghamlu linja kull wiehed. In ri-ezami, l-imputata qalet ukoll illi fiz-zmien li Cassar tat ix-xhieda taghha, huma diga` kienu miggieldin u li ma baqghux jitkellmu minn madwar tliet snin qabel.

F'dawn il-proceduri xehdet ukoll **Chantelle Cassar**[12], li qalet illi fis-sena 2008, hija kienet f'*party* gewwa n-Numero Uno, dahlu gewwa *toilet cubicle* hi u l-imputata u x'hin hargu sabu lill-pulizija. Lilha sabulha erba' pilloli *ecstasy*. Ix-xhud qalet illi fit-*toilet cubicle*, l-imputata u hi hadu linja kokaina u li l-kokaina kienu gabuha t-tnejn li huma. Mistoqsija kemm kienu gabu kokaina, hija qalet "*jidhirli xi 5*"[13] u li dawn kienet qeghda zzommhom l-imputata. Qalet illi dawn il-qratas kienu nxtraw minnha u mill-imputata flimkien, li t-tnejn li huma kien hallsu ghalihom xi €60 il-pakkett u li kienu qasmu l-prezz indaqs bejniethom. Qalet ukoll illi d-droga kienu se jehduha huma waqt il-*party*. Ix-xhud qalet illi l-

[12] Ara x-xhieda taghha a fol. 31 *et seq* tal-process.
[13] A fol. 33 tal-process.

imputata u hi ta' spiss kienu jmorru *parties* flimkien u li dak iz-zmien kienu hbieb sew, ghalkemm fiz-zmien ta' din ix-xhieda ma kinux ghadhom hbieb. Kien hemm drabi ohra qabel dakinhar li kienu xtraw id-droga bejniethom, li dejjem marru jixtruha flimkien, li kien hemm okkazzjonijiet fejn zammitha l-imputata u okkazzjonijiet ohra fejn zammitha x-xhud u li d-droga kienet tkun intiza ghat-tnejn li huma. Bhala hlas, dejjem qasmu l-prezz bejniethom.

In kontro-ezami, id-difiza ghamlet referenza ghall-istqarrija li kienet irrilaxxjat ix-xhud fil-jum in kwistjoni u hi kkonfermat dak li kien inghad minnha fl-istess stqarrija, fis-sens illi ftit qabel gew arrestati, hija dahlet fit-*toilet* biex tigbed linja kokaina li kienu gabu maghhom hi u l-habiba taghha, l-imputata. Hija kkonfermat ukoll illi l-hamest iqratas li nstabu fuq l-imputata kienu taghha wkoll u li l-imputata kienet sempliciment qeghda zzommhom u regghet ikkonfermat illi meta xtraw id-droga, l-imputata u hi kienu flimkien u li hargu l-flus ghaliha flimkien ukoll. Sehmha mill-hames pakketti misjuba kien ta' nofshom u li ghalhekk hija kien imissha zewg pakketti u nofs. Qalet illi hija u l-imputata ma kinux ghadhom jitkellmu u li ma kinux ghadhom hbieb u li meta l-imputata kienet maghha, l-istess imputata qatt ma xtrat xi sustanza li ma kinitx ghall-uzu taghha u tat lil haddiehor.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

F'dan il-kaz, id-difiza m'hijiex qed tikkontesta l-pussess semplici tad-droga kokaina, tant illi dan jirrizulta kemm mill-ammissjoni registrata mill-imputata fl-ewwel seduta tal-25 ta' Jannar 2010, kif ukoll mid-deposizzjoni taghha f'dawn il-proceduri. Dak li qed tikkontesta d-difiza huwa l-pussess bl-aggravanti ai termini tal-imputazzjoni (a) kif dedotta kontra l-istess imputata.

Il-Prosekuzzjoni ssostni li l-imputazzjoni ta' pussess bl-aggravanti tirrizulta ppruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli u dan in vista tal-fatt illi l-imputata kellha fil-pussess taghha hamest iqratas b'pizijiet simili gewwa *party*, ossia post ideali ghall-ispacc tad-droga u illi ma jirrizultax illi fiz-zmien in kwistjoni l-imputata kellha xi vizzju kbir tad-droga.  Il-Prosekuzzjoni rreferiet ukoll ghax-xhieda tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, skond liema xhieda l-ammonti misjuba jeccedu l-ammonti ta' konsum li persuna, li m'hijiex *heavy user*, normalment tiehu f'perjodu ta' hin waqt *party* u ghall-mod kif wiegbet l-imputata fl-istqarrija rilaxxjata minnha *a tempo vergine*, b'mod partikolari meta giet mistoqsija ghaliex kellha dak l-ammont ta' droga fil-pussess taghha la darba hija kienet tikkonsma, skond l-istess stqarrija, madwar nofs gramma kokaina fi ljieli simili.

Skond id-difiza, min-naha l-ohra, jirrizulta car mill-provi u b'mod partikolari mix-xhieda ta' Cassar u tal-imputata, illi l-imputata u Cassar xtraw id-droga misjuba flimkien sabiex jikkunsmawha flimkien u qasmu l-flus ghaliha bejniethom, li d-droga in kwistjoni kienet taghhom it-tnejn u li l-imputata ghalhekk ma kellha l-ebda intenzjoni li tispicca d-droga lil terzi persuni.  Id-difiza ssostni li f'dawn ic-cirkostanzi, ma giex ippruvat il-pussess aggravat fil-grad rikjest mil-ligi.

Issa f'dan il-kaz, m'huwiex ikkontestat u jirrizulta wkoll car mill-provi, illi l-imputata u Cassar gew imwaqqfa mill-pulizija hekk kif hargu mit-*toilet cubicle* u dan ghaliex il-pulizija in kwistjoni – ossia WPS 86 u WPC 297 – gihom suspett f'dawn iz-zewg zghazagh wara li damu certu hin fl-istess *toilet cubicle.*  Lanqas ma huwa kkontestat illi fil-pussess tal-imputata instabu hames pakketti bil-kokaina.

Skond ix-xhieda ta' Cassar u tal-imputata f'dawn il-proceduri, id-droga misjuba fil-pussess tal-imputata kienet intiza b'mod indaqs ghat-tnejn li huma u dan ghaliex huma kienu xtraw din id-droga flimkien, kien hallsu ghaliha f'ishma ugwali u kienu ser jikkunsmawha fil-*party* t-tnejn flimkien.  Xehdu wkoll it-

tnejn, illi huma gew imwaqqfa mill-pulizija hekk kif kienu hergin mit-*toilets* wara li kienu kkunsmaw linja kull wiehed, mill-kokaina li kienu hadu maghhom. Jirrizulta wkoll mix-xhieda taghhom, li ghalkemm id-droga kienet taghhom it-tnejn, din kienet qed izzommha l-imputata u kien ghalhekk illi l-imputata nstabet fil-pussess ta' hames pakketti meta giet imwaqqfa mill-pulizija.

Jibda biex jinghad illi l-Qorti m'ghandhiex dubju illi fil-fatt l-imputata u Cassar gew imwaqqfa mill-pulizija hekk kif kienu ghadhom kif ikkunsmaw mid-droga kokaina li kellha fil-pussess taghha l-imputata u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Fl-istqarrija taghha, *a tempo vergine*, l-imputata tghid illi l-ahhar darba li kienet ikkunsmat id-droga kokaina kien proprju qabel giet imwaqqfa mill-pulizija f'dak il-lejl u li kienet hadet linja kokaina.

2. Fl-istqarrija taghha, wkoll *a tempo vergine*, liema parti mill-istqarrija giet ikkonfermatha minnha bil-gurament fid-deposizzjoni taghha, Cassar ukoll tghid illi hija kienet dahlet it-*toilet* biex tigbed linja kokaina u li anke l-imputata kienet hadet linja kokaina fl-istess *toilet cubicle*. Cassar regghet ikkonfermat dan ukoll in ezami, qabel ma saritilha referenza mid-difiza ghal din il-parti tal-istqarrija taghha, fejn ukoll kienet qalet l-istess kliem.

3. Kemm WPS 86, kif ukoll WPC 297 xehdu illi l-imputata u Cassar damu certu hin fit-*toilet cubicle* u kien proprju dan li kien qajjem is-suspett taghhom li l-imputata u Cassar setghu kienu qeghdin jabbuzaw mid-droga fl-istess *toilet cubicle.*

4. Fil-waqt illi l-pizijiet ta' erba' mill-pakketti misjuba fil-pussess tal-imputata kienu simili u jvarjaw bejn 0.59 grammi u 0.69 grammi, wiehed mill-pakketti kellu piz inqas ta' 0.44 grammi li jindika li seta' kien diga` sar uzu mill-kokaina kontenut f'dan il-pakkett.

Il-Qorti tikkunsidra wkoll illi gie ppruvat sal-grad tal-probabbli illi d-droga in kwistjoni kienet intiza kemm ghall-imputata, kif ukoll ghal Cassar, u li ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-istess droga kienet intiza sabiex l-imputata tispacca l-istess droga lil terzi. F'dan ir-rigward, il-Qorti qieset is-segwenti:

1. Fix-xhieda tieghu[14], l-Ispettur Dennis Theuma jghid illi dak li wassal lill-Prosekuzzjoni sabiex takkuza lill-imputata bil-pussess aggravat tad-droga kokaina kien il-fatt illi fl-istqarrija taghha, l-imputata ma kinitx f'posizzjoni li taghti spjegazzjoni ghaliex hija kellha fil-pussess taghha hames pakketti bil-kokaina. Fil-fatt, il-Qorti tinnota illi la darba fl-istqarrija taghha, l-imputata kienet qalet illi hija tikkonsma madwar nofs gramma kokaina f'lejl bhal dak in kwistjoni, l-Ufficjal Investigatur kellu kull ragun jistaqsi ghalfejn l-imputata kellha hames pakketti fil-pussess taghha u fic-cirkostanzi, kien ukoll minnu illi l-imputata ma tat l-ebda spjegazzjoni jew gustifikazzjoni ghal dan fl-istess stqarrija.

2. Biss il-Qorti tqis ukoll illi fl-istqarrija taghha, *a tempo vergine*, liema stqarrija f'din il-parti giet ikkonfermatha minnha bil-gurament fid-deposizzjoni taghha, Cassar qalet illi " … *dhalt fit-toilet biex nigbed linja kokaina li <u>gibna maghna</u> jien u l-habiba tieghi Rachel Grech ... sakemm waqfuna il-pulizija Rachel kienet hadet wkoll linja kokaina fl-istess toilet cubicle li hadt jien*" [sottolinear tal-Qorti]. Ghalhekk anke fil-fazi inizzjali tal-investigazzjoni, l-istess Cassar mill-ewwel indikat illi d-droga kienet taghha u tal-imputata u li huma kienu haduha maghhom il-*party*.

3. Fix-xhieda taghha, imbaghad, Cassar tghid illi d-droga li kienet misjuba fil-pussess tal-imputata kienet taghha u tal-imputata f'ishma ndaqs bejniethom, li huma kienu xtraw id-droga flimkien, li hargu l-flus bejniethom u li kienet intiza sabiex jikkunsmawha flimkien fil-*party*, izda kienet qed izzommha l-imputata. Dwar dan il-Qorti tinnota illi anke fl-istqarrija taghha[15], *a tempo vergine*, Cassar tghid illi normalment, Rachel (ossia l-imputata) u hi kienu johorgu l-flus bejniethom biex jixtru d-droga kokaina u li kienu jmorru jixtruha flimkien. Ghalkemm l-istqarrija ta' Cassar m'ghandhiex valur probatorju, biss kif inghad fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Victor Gauci</u>**, deciza fis-26 ta' Jannar 2001, "*Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta' xi reati partikolari, meta tigi esebita stqarrija ta' xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f'dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju izda jintuza biss ghall-fini tal-kontroll ta' dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f'dak li jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u fil-presenza ta' l-akkuzat. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b'daqshekk, tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentata b'dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentata. Dik l-istqarrija tintuza biss,*

[14] A fol. 8 *et seq* tal-process.
[15] Esebita a fol. 45 *et seq* tal-process.

*kif intqal, sabiex tigi kkontrollata l-kredibilita` tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le.*" F'dan il-kaz, il-Qorti tqis illi dak li qalet Cassar fix-xhieda taghha jikkombacja ma' dak li qalet originarjament fl-istqarrija taghha u ghaldaqstant tqis ix-xhieda taghha bhala kredibbli. Veru illi fl-istqarrija taghha, Cassar qalet ukoll illi normalment, hi u l-imputata jixtru gramma kokaina u li f'dan il-kaz, fil-pussess tal-imputata instabu mhux gramma izda cirka tliet grammi (tenut kont ukoll illi Cassar u l-imputata diga` kienu kkunsmaw minn din id-droga) li, skond ix-xhud, kienu taghha u tal-istess imputata. Biss anke wara li kkunsidrat dan, il-Qorti tqis illi Cassar ikkwalifikat l-ispjegazzjoni taghha bil-kelma 'normalment' u tenut kont ta' dak li inghad fil-paragrafu precedenti ghal dan, il-Qorti tqis illi gie ppruvat tal-inqas sal-grad tal-probabbli illi l-imputata ma kellhiex fil-pussess taghha, ammonti ta' droga kokaina oltre minn dak li hija xtrat flimkien ma' Cassar u li ghalhekk m'hemm xejn fl-istqarrija ta' Cassar li jirrendi l-verzjoni moghtija minnha fid-deposizzjoni taghha bhala wahda mhux kredibbli.

4. Ghalkemm fl-istqarrija taghha, l-imputata ma ggustifikatx ir-raguni ghaliex fil-pussess taghha, hija kellha hames pakketti bil-kokaina, biss fid-deposizzjoni taghha, hija qalet illi hija ma xtaqitx tikxef lill-habiba taghha, Cassar u kien ghalhekk li ma qalitx illi d-droga ma kinitx biss taghha, izda wkoll ta' Cassar. Tenut kont tal-fatt illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputata u Cassar kienu hbieb u tenut kont ukoll illi Cassar stess *a tempo vergine* stqarret illi dik id-droga kienet taghha wkoll, kif ikkonfermat minnha fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, il-Qorti tqis illi din l-ispjegazzjoni moghtija mill-imputata fid-deposizzjoni taghha, tista' tigi accettata tal-inqas sal-grad tal-probabbli.

5. Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut u li skond l-istess xhieda u mill-istudji dwar din il-materja, jirrizulta illi pakkett wiehed bil-piz ta' 0.59 grammi kien sufficjenti ghal lejl ossia *party* ta' hames sighat (u dan tenut kont li l-imputata u Cassar twaqqfu f'xi hin wara nofs il-lejl tat-8 ta' Settembru 2008) ghal persuna li tabbuza mill-kokaina *for recreational use.* F'dan il-kaz, ghalhekk, anke jekk wiehed jikkunsidra li l-kokaina misjuba kienet ghal tnejn min-nies ossia ghall-imputata u ghal Cassar, l-imputata kellha ammont izjed ta' droga, mill-ammont li kellhom bzonn hi u Cassar f'lejl wiehed. In oltre il-Qorti kkunsidrat ukoll illi skond ix-xhieda taghha, l-imputata kienet taghmel uzu mill-kokaina kull meta tohrog, skond hi meta tmur *clubbing* jew meta tohrog is-Sibt u ghalhekk ma jistax jinghad illi kienet xi *heavy user.* Biss minkejja x-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut dwar dozi tipici ta' konsum, il-Qorti tqis illi l-istess Xjenzat f'parti ohra mix-xhieda tieghu, spjega wkoll illi l-konsum jiddependi mill-persuna partikolari li tkun qed

> tikkonsma d-droga u li ghalhekk ma jistax jigi eskluz li l-imputata kienet kapaci tikkonsma nofs l-ammont li nstab fil-pussess taghha f'lejl wiehed. In oltre l-ammont ta' droga li nstab fil-pussess tal-imputata, tenut kont ukoll illi dan kien intiz ghal zewg persuni, lanqas jista' jinghad li kien xi ammont tant sostanzjali li necessarjament jeskludi li dan kien intiz biss ghall-uzu personali tal-istess imputata u ta' Cassar. F'dan ir-rigward, il-Qorti kkunsidrat ukoll illi anke fil-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta li dahal fis-sehh fil-15 ta' April 2015, il-pussess tal-kokaina huwa kkunsidrat li huwa ghall-uzu personali jekk l-ammont tad-droga tkun f'piz ta' anqas minn zewg grammi, sakemm naturalment ma jirrizultawx cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Tqis ukoll f'dan il-kuntest illi minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputata, gie elevat biss tubu tal-hgieg trasparenti[16] li skond ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[17], kien fih ticpis ta' lewn kannella.[18] Waqt din it-tfittxija ma nstab xejn izjed, bhal per ezempju mwiezen, boroz li fihom normalment tigi maqsuma d-droga ghal fini ta' spacc, notamenti, flejjes jew affarijiet ohrajn li jistghu jkunu indikattivi ta' attivita` ta' traffikar ta' droga da parti tal-imputata. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi ma jirrizultax ippruvat sodisfacentement u lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-pakketti li nstabu fil-pussess tal-imputata kienu intizi ghal terzi persuni, ghajr ghaliha u ghal Cassar.

Madankollu, kif inghad, jirrizulta ppruvat ampjament illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputata kienet intiza kemm ghaliha, kif ukoll ghal Cassar. Fix-xhieda taghha, l-istess imputata tghid ukoll illi l-istess droga kienet ilha fil-pussess taghha mill-jum ta' qabel. Ghalkemm id-difiza stess taccetta dan l-istat ta' fatt, biss issostni illi ma giex ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputata kellha l-intenzjoni li tispacca din id-droga u ghaldaqstant il-pussess bl-aggravanti ma jirrizultax.

F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Jason Mallia</u>** (Appell Nru. 130/1999) fejn inghad hekk fir-rigward tar-reat in kwistjoni:

[16] Ara x-xhieda ta' WPS 86 Diane Fenech, a fol. 21 tal-process.
[17] Esebita a fol. 44, pagna 2 tal-istess relazzjoni.
[18] Dan ma giex analizzat mill-istess Xjenzat, ghaliex ma jidhirx li saret talba ghal dan il-ghan.

*"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha."*

Huwa car f'dan il-kaz illi l-imputata kienet fil-pussess ta' ammont ta' kokaina li ma kienx bi hsiebha taghmel uzu minnu hi, ghaliex il-kokaina li nstabet fil-pussess taghha kienet kemm ghaliha, kif ukoll ghall-habiba taghha u ghaldaqstant zgur ma jistax jinghad illi din id-droga kienet intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputata. Kif jirrizulta mill-bran fuq citat, fil-ligi taghna, m'huwiex mehtieg l-*animus* fil-pussessur li jispacca d-droga u ghaldaqstant, il-pussess wahdu, fic-cirkostanzi msemmija, huwa sufficjenti sabiex tinstab htija tal-pussess bl-aggravanti.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni, giet ippruvata sodisfacentement fil-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tal-imputazzjonijiet (b) u (c), kif inghad izjed 'il fuq, l-imputata rregistrat ammissjoni u ghaldaqstant, hija qed tinstab hatja wkoll ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputata fiz-zmien tar-reati odjerni, liema fedina penali kienet wahda netta. Qieset ukoll illi f'dan il-kaz, il-piz tad-droga li nstabet fil-pussess tal-imputata kienet ta' 2.93 grammi, b'purita` ta' cirka 29% u li nofsha kienet intiza ghal terza persuna ossia Chantelle Marie Cassar, li dak iz-zmien kienet habiba tal-imputata odjerna.

Qieset ukoll illi dan il-kaz jirrisali ghal Settembru tas-sena 2008, li l-imputata dejjem dehret f'dawn il-proceduri u li ma jistax jinghad illi dawn twalu ghal ragunijiet imputabbli lill-istess imputata.

F'dan il-kaz, fir-rigward tal-imputazzjoni (a), il-Qorti tqis illi piena fil-minimu taghha tkun wahda idonea.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (b) ossia l-pussess tal-*ecstasy*, il-Qorti tqis illi fl-istqarrija taghha, l-imputata qalet illi l-ahhar darba li hadet l-*ecstasy* kien madwar xahar qabel u li kienet ilha tiehu *ecstasy* madwar erba' snin. Ghaldaqstant, jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi fit-tliet snin ta' qabel, l-imputata hadet izjed minn zewg pilloli *ecstasy.* Fir-rigward tal-imputazzjoni (c), madankollu, l-imputata qalet illi kienet hadet l-ewwel nifs tal-*cannabis* madwar ghaxar snin qabel, izda ma tpejjipx regolarment ghaliex ma toghgobhiex. Meta mistoqsija jekk kinitx tpejjep xi *joint* tar-raza, hija wiegbet fl-affermattiv u qalet illi gieli hadet nifs minghand haddiehor. Ghaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, ma jirrizultax ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi fit-tliet snin ta' qabel it-8 ta' Settembru 2008 (skond l-imputazzjoni odjerna), l-imputata kellha fil-pussess taghha, izjed minn 3.5 grammi tal-*cannabis.* Fir-rigward ta' din l-ahhar imputazzjoni, ghalhekk, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u qeghda tikkundannaha, fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (b) ghal **piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (c), l-imputata qeghda tigi kkundannata ghal **penali ta' hamsin Euro (€50)**.

Tikkundanna lill-hatja sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti nominati fil-mori ta' dawn il-proceduri u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, disgha u tletin Euro u tlettax-il centezmu (€339.13) u dan ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, esebiti bhala Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------